MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 178/1993/2

**Profs. Salvino Busuttil**

**v.**

**David Arrigo**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Frar 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-konvenut kien intrabat illi jaghmel xoghol ta’ restawr u r-riparazzjonijiet fuq il-karozza ghamla “Daimler” propjeta` tal-attur;

Illi l-attur hallas lill-konvenut is-somma totali ta’ Lm9,200 sabiex il-konvenut jaghmel dawn ix-xoghlijiet;

Illi dawn ix-xogholijiet kellhom jigu kompletati tant illi l-karozza kellha tigi kkonsenjata lill-attur f'Awissu 1992;
Illi l-karozza ma gietx ikkonsenjata;

Talab li din il-Qorti:

Tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm9,200 jew somma ohra verjuri ghar-ragunijiet suesposti, bl-imghaxijiet mid-data li tistabilixxi l-Qorti u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' impediment tal-partenza tad-9 ta' Frar 1993, u ta' ittra bonarja tat-8 ta' Jannar 1993.

B'riserva ghat-talba ulterjuri ta' danni kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

L-intempestivita` tal-azzjoni attrici stante illi qatt ma kien gie konvenut terminu ghall-kompletazzjoni tax-xogholijiet kollha mehtiega u stante wkoll illi matul il-perijodu li fih kien qieghed isir ir-ristawrar tal-vettura de quo skond l-arti w is-sengha, l-attur kien kontinwament izid ix-xoghol minnu mixtieq u jaghti struzzjonijiet ulterjuri;

Illi l-attur lahaq hallas akkont tmint elef mitejn u disa' u tletin lira Maltija (Lm8,239) u mhux Lm9,200 kif allegat mill-attur;

Illi r-restawr tal-vettura tal-attur b'kollox sewa ghaxart elef tlett mija u tlieta u tletin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm10,333.32,0) u ghalhekk l-attur huwa debitur tal-eccipjent fis-somma ta' Lm2,094.32,0);

Salvi eccezzjonijiet ohra bl-ispejjez kontra l-attur stante l-infondatezza tat-talba tieghu;

Rat il-kontro-talba ta' David Arrigo fejn, wara li ppremetta:

1) Illi l-konvenut, fuq ordni u nkariku tal-attur, irrestawra l-vettura bil-mutur tal-attur, tal-marka Daimler tas-sena 1968, numru tar-registrazzjoni taghha B 9383, u rritornaha

ghall-istat kwazi prestin taghha, wara li esegwixxa x-xoghol kollu mehtieg skond l-arti u s-sengha u wara li xtara, idduplika u/jew issostitwixxa u rranga dak kollu li ma kienx kif suppost, kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2) Illi x-xoghol kollu komprizi l-ispejjez sewa Lm10,333.320;
3) Illi l-attur lahaq hallas akkont is-somma ta' Lm8,239, u mhux ta' Lm9,200 kif erronjament indikat minnu fl-att ta' citazzjoni;
4) Illi ghalhekk l-attur fadallu jhallas bilanc lill-konvenut esponent ta' Lm2,094.320;
5) Illi l-attur, interpellat sabiex ihallas, baqa' inadempjenti;
6) Illi l-attur, fuq premessi foloz, infondati fil-fatt u fid-dritt ottjiena kontra l-esponent konvenut il-hrug ta' mandat ta' impediment tas-safar tal-persuna fid-9 ta' Frar 1993;
7) Illi b'dan l-agir illegali u abusiv tieghu fil-konfront tal-esponent konvenut, l-attur ikkawzalu danni ingenti b'konsegwenzi gja sofferti u li ghad jista' jsofri;
8) Illi l-mandat ta' impediment tal-partenza de quo gie mehud fuq talba maghmula bil-qerq ghat-tenur tal-Artikli tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk l-attur huwa responsabbli lejn l-esponent konvenut mhux biss ghal hlas ta' penali ta' mhux anqas minn Lm100, liema penali ghandha tigi ffissata minn dina l-Qorti ghat-tenur tal-Artikolu fuq citat, izda huwa wkoll responsabbli lejn il-konvenut esponent ghall-hlas tad-danni kollha lilu kawzati b'konsegwenza tal-hrug tal-istess mandat;

Talab li din il-Qorti ghar-ragunijiet imsemmija:

(1) Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut esponent is-somma ta' Lm2,094.32,0, bilanc ta' prezz tar-restawrar tal-vettura tal-attur Daimler numru B 9383 bl-imghaxijiet skond il-ligi u (2) Tiddikjara illi l-mandat ta' impediment tas-safar tal-persuna mehud mill-attur kontra l-konvenut esponent fid-9 ta' Frar 1993 gie hekk mehud b'qerq, oltre ghar-ragunijiet infondati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni kollha gja` sofferti mill-esponent konvenut u ghal dawk li seta' jsofri minhabba l-hrug tac-citat mandat,

tikkundannat ihallas lill-esponent konvenut in linea ta' penali somma ta' mhux anqas minn Lm100 li ghandha tigi ffissata minn dina l-Qorti, tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur [**recte:** konvenut] minhabba l-hrug tac-citat mandat ingustament, u tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut esponent id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn qal:

Illi l-kontro talbiet ta' David Arrigo ghandhom jigu rigettati peress illi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-ammont pretiz mhux dovut u peress illi l-mandat ta' impediment mahrug mill-eccipjent kien mahrug skond il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-15 ta' Mejju 1995 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joe Galea Debono bhala perit legali biex jirrelata dwar it-talba ta' l-attur kif emendata bin-nota tieghu pprezentata dakinhar stess u dwar il-kontro-talba tal-konvenut wara li jieu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet rispettivi;

Rat l-imsemmija nota tal-15 ta' Mejju 1995;

Rat id-digriet tal-11 ta' Frar 2002 fejn, fuq talba tal-perit legali li kien gie elevat ghall-gudikatura, intlaqghet it-talba tieghu biex jigi sostitwit;

Rat il-verbal ta' l-20 ta' Frar 2002 fejn il-kawza thalliet ghall-provi tal-konvenut dwar it-talba rikonvenzjonali;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-attur intavola din ic-citazzjoni peress illi l-konvenut kien intrabat li jaghmel xoghol ta' restawr fuq karrozza ta' l-ghamla Daimler, proprjeta` ta' l-attur, u sad-data li fiha giet ipprezentata c-citazzjoni l-konvenut ma kienx lesta x-xoghol mehtieg nonostante diversi akkonti li kien hallas l-attur. Ghalhekk talab li l-konvenut jirrifondi s-somma ta' Lm9,200 li jghid li hallas lill-konvenut. Fil-mori tal-kawza r-riparazzjonijiet saru u l-karrozza giet ikkonsenjata lill-attur li pprezenta n-nota msemmija tal-15 ta' Mejju 1995 fejn irriduca t-talba tieghu ghar-rifuzjoni tas-somma ta' Lm9,200 ghal somma inqas li tigi stabbilita fit-trattazzjoni tal-kaz u li tirrapprezenta "overcharging" da parti tal-konvenut ghal xoghol u spare parts provduti minnu. Fl-ewwel seduta peritali mizmuma fit-18 ta' Ottubru 1995 imbaghad sar dan il-verbal: *"Il-partijiet jaqblu li l-karrozza 'de quo' giet ritornata lura f'Marzu 1994 u ghalkemm l-attur mhux ghal kollox sodisfatt bix-xoghol - jirriserva kull dritt li ghandu li pero` jista' ma jkunx kopert bil-kawzali ta' din ic-citazzjoni, pero` jistghu jkunu koperti fid-difiza ghall-kontro-talba - jiddikjara li l-mertu tac-citazzjoni principali hu ezawrit u jibqa' biss il-kwistjoni tal-kap ta' l-ispejjez."*

Fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut isostni li l-azzjoni attrici kienet intempestiva stante illi qatt ma kien gie miftiehem terminu ghat-tlestija tax-xoghlijiet kollha mehtiega u l-attur kien kontinwament izid ix-xoghol minnu mixtieq u jaghti struzzjonijiet ulterjuri. Dan huwa kontradett mill-attur li jghid li originarjament kien inghata terminu ta' sitt xhur sa Dicembru 1991. Rapport tal-konvenut (Dok. SB3 a fol. 200) datat 16 ta' Dicembru 1991, ghalkemm jindika car li x-xoghol ma kienx se jkun lest dak ix-xahar, jindika li x-xoghol ippjanat ghax-xhur ta' Dicembru u Jannar *"will bring the vehicle to a very advanced state"*. U ittra miktuba lill-attur fl-istess data (a fol. 202) ghandha *post scriptum* li tghid hekk: *"I gather you leave Wednesday, please let me have the cheques before you leave so we can finish"*. U b'ittra tad-29 ta' Ottubru 1992 (a fol. 209) il-konvenut juri d-dispjacir tieghu li x-xoghol ma kienx ghadu tlesta!

Kwantu ghall-allegazzjoni li l-attur kien kontinwament izid ix-xoghol, dan hu michud bl-aktar mod kategoriku mill-attur. Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li kull ma talab kien li l-konvenut iqeghdlu zewg speakers ohra minflok dawk li kien hemm. Ta' min jghid li fix-xiehda tieghu l-konvenut imkien ma jsemmi x'kien ix-xoghol u x'kienu l-istruzzjonijiet li l-attur suppost zied u ta.

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk m'hemmx dubbju li l-eccezzjoni ta' intempestivita` sollevata mill-konvenut ma treggix u qed tigi michuda.

Fil-kontro-talba tieghu l-konvenut jghid li l-attur ottjena l-hrug ta' mandat ta' impediment tas-safar fuq premessi foloz u infondati fil-fatt u fid-dritt. Ghall-istess ragunijiet suesposti din l-allegazzjoni hija infondata. Mill-affidavit ta' l-attur tirrizulta sew il-preokkupazzjoni tieghu dwar in-nuqqas ta' progress nonostante l-pagamenti kollha li huwa kien ghamel, u dan seta' jikkonstatah huwa stess mill-viziti li ghamel lil Ivan Sammut u lil Philip Balzan & Co. Ltd. Konsegwentement it-talbiet tal-konvenut biex il-konvenut jigi kkundannat ghall-hlas ta' penali u sabiex jigi dikjarat responsabbli ghal xi danni, jigu likwidati tali danni u jigi kkundannat ihallas l-istess danni lill-konvenut huma michuda.

Fil-kontro-talba tieghu l-konvenut isostni li x-xoghol kollu kompriz l-ispejjez sewa Lm10,333.32. Jghid li l-attur lehaq hallas akkont is-somma ta' Lm8,239 u mhux Lm9,200 kif indikat fic-citazzjoni u li ghalhekk fadallu jhallas bilanc ta' Lm2,094.32[1]. Fis-seduta peritali tat-18 ta' Ottubru 1995 il-konvenut xehed li hemm zball matematiku fl-ammont ta' Lm10,333.32 u li s-somma totali triq taqra Lm10,138.18. Dan ghalhekk ifisser li l-bilanc minnu pretiz mhuwiex ta' Lm2,094.32 izda ta' Lm1,899.18.

[1] Dan jiddependi minn kalkoli skond ir-rata tal-kambju vigenti meta saru l-pagamenti opportuni izda l-konvenut ha rata medja ta' 1.7. Fir-rigward tal-pagamenti li sarulu f'dollari amerikani u franki francizi, il-konvenut l-ewwel jaqleb ghal sterlina u mbaghad ghal lira Maltija li allura jfisser telf doppju (Dok. B a fol. 23).

Din il-Qorti ezaminat id-dokumenti kollha esebiti mill-konvenut. Id-dokumenti enumerati A1 sa A85 jikkonsistu f'statements, ircevuti u invoices li jirrigwardaw ix-xoghol li sar fuq il-karrozza ta' l-attur u d-diversi parts li nxtraw ghaliha kif ukoll spejjez ancillari ohra. It-total taghhom hawn huwa ta' Lm9,753.88 li jikkontrasta mat-total ta' Lm10,333.32 (ridott ghal Lm10,138.18) pretiz skond id-Dok. B. Il-konvenut jispjega li fil-komputazzjonijiet tieghu, ma kkunsidrax id-differenzi fir-rata tal-kambju izda ha kollox lira b'lira u jghid li dan m'ghamlux bi zball izda ghamlu bhala *"a rule of thumb practice that if an item is purchased in the U.K. for one pound sterling, to take in the costs of sourcing, purchasing, shipping and importing, as near as can be possibly estimated, the costs will work out at Lm1 for Stg1"*. Dan l-argument ma jreggix ghal diversi ragunijiet. Numru ta' invoices jinkludu prezz ghax-*shipping* taghhom (per ezempju, Dok. A6 - A13, A30 u A32). Huwa veru li fir-rigward tad-Dok. A6 sa A13 l-parts indikati gew ikkonsenjati, skond l-istess invoices, f'indirizzi fl-Ingilterra u allura sabiex jintuzaw fil-karrozza ta' l-attur kellhom jintbaghtu Malta, izda kien ikun facli ghall-attur li jipprovdi dokumentazzjoni biex juri x'kienet l-ispiza sabiex dawn jintbaghtu hekk Malta. Barra minn hekk jirrizulta li l-*upholstery* ingabet Malta minn certa Sally Green u ta' dan nizzel fl-istatement Dok. A64 il-prezz tal-biljett ta' l-ajru taghha. Jigifieri ma kienx hemm spiza addizzjonali ghax-*shipping* ta' l-*upholstery*. Sa certu punt il-konvenut pero` jikkontradici lilu nnifsu mbaghad meta, fuq domanda tal-perit legali dwar x'kien il-*mark-up* tieghu fuq ix-xoghol li sar, iwiegeb hekk: *"There was no mark-up. By using this system there is no mark-up as such but I used the difference between the retail price of parts which I charge my clients and the wholesale price I obtained them for as my profit margin for the undertaking, <u>although this margin also absorbs my costs</u>."*

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dak kollu li l-konvenut indika bhala mixtri f'munita sterlina ghandu jigi kkalkulat f'munita Maltija. Jekk tigi uzata r-rata tal-kambju li uza hu stess rigward l-ammonti mhallsa lilu mill-attur, din ghandha tkun ta' 1.7 (Dok. B a fol. 23). Jekk jigu kkunsidrati l-invoices partikolari (Dok. A6 - A14, A40, A55

- A58) ammontanti ghal Stg4,702.94, dawn jekwivalu ghal Lm2,766.43, tnaqqis ghalhekk ta' Lm1,936.51 mill-pretensjoni tal-konvenut - mela aktar mis-somma bilancjali li huwa qieghed jippretendi.

Punt iehor li din il-Qorti osservat jirrigwarda l-pagamenti lil Ivan Sammut. Skond id-dokumenti A76 sa A85 dawn gew jammontaw ghal Lm937 maghmulin minn sensiela twila ta' pagamenti zghar li suppost thallsu lilll-imsemmi Ivan Sammut bejn id-9 ta' Ottubru 1991 u l-4 ta' Marzu 1994. Sfortunatament ma tidher li giet rilaxxjata l-ebda rcevuta mill-imsemmi Sammut. Issa jirrizulta li l-attur kien gie mitlub f'mill-inqas tliet okkazjonijiet mill-konvenut biex jirrilaxxja cekkijiet favur Ivan Sammut ghal total ta' Lm1,000. Dawn kienu pagamenti ta' Lm400, Lm100 u Lm500 (ara Dok. B a fol. 23). Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li meta kellem lil Ivan Sammut u saqsieh kienx ircieva diversi cekkijiet minghand il-konvenut li l-konvenut stess kien talbu johrog f'isem Ivan Sammut, dan Sammut wiegbu li *"veru kien ircieva dawn ic-cekkijiet izda dawn kienu ghall-hlas li David Arrigo kellu jtih fuq affarijiet ohra"*. Dan kollu qieghed jinghad ghax jinficja sew fuq il-kredibilita` tal-konvenut fir-rigward tal-pretensjoniiiet tieghu u fuq l-attendibilita` tad-dokumenti A76 sa A85. Aktar u aktar meta skond l-attur Ivan Sammut qallu li kien thallas biss Lm300 tax-xoghol li ghamel.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk it-talba tal-konvenut ghall-hlas ta' somma bilancjali hi infondata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tichad ukoll il-kontro-talbiet tieghu, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tac-citazzjoni peress li l-mertu gie ezawrit fil-mori tal-kawza. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------